# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 124, miżmuma nhar is-26 ta' Mejju 2020, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |

Membri Online:

| | | |
|---|---|---|
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Omar E Arab | Pembroke LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

124.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

124.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

124.3 Komunikazzjoni tal-President;

124.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

124.5 Kumunikazjoni;

124.6 Rapporti;

124.7 Affarijiet oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

124.7.1 Post Covid

124.7.2 Maintenance of office

124.7.3 Integration initiatives

124.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda tal-pagamenti;

124.9 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-President Anton Mifsud. Bdiet 18:40hrs

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 124.1 - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjur Peter Sant Manduca kien skużat.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 124.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 123 ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati, Abraham Aquilina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 123.3 - Komunikazzjoni mil-President

Il-President Anthony Mifsud staqsa jekk hux kulħadd qed isegwi l-korrispondenza tal- You Save li qiegħdha tiġi diskussa mal-ANSEK sabiex kulħadd jibqa nvolut fid-diskussjonijiet. Is-Sur Mifsud qal li r-Reġjun ma kellux paġna tiegħu iżda minflok kien membru f'tal-Kunsilli kollha. Ħalla f'idejn il-Kunsilli jekk jużawx il-paġni jew le.

## 123.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 123.5 – Kumunikazjoni

### Toad Legal Letter

Is-Segretarju Eżekuttiv kellem lil avukat u għadda d-dokumenti. Qed jistenna li jiltaqa mal-avukat.

### CCTV Cameras

Apparti l-Kunsill tas-Swieqi, il-Kunsilli kollha għaddew ix-xewqa tagħhom rigward x'tip u fejn iridu CCTV. Is-SE spjega li l-Lesa mhux ser tidħol għall-ispiża tal-manutenzjoni. Din in-nefqa tammonta għal madwar 600 u elf Ewro fis-sena għal kull camera. Il-Kunsilli ntalbu jiddiskutu dan u jaqblu li jieħdu din l-ispiża. Għandhom jagħtu tweġiba lir-Reġjun sal-laqgħa li jmiss. Wara r-Reġjun ikun jista joħroġ it-tender.

### Website App

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-laqgħa titwaqqaf ħalli s-Sur D'Anastasi jagħmel preżentazzjoni tas-sit il-ġdid. Il-laqgħa twaqqfet għal 10 minuti. Is-sit il-ġdid www.regjuntramuntana.eu issa miftuħ. Il-membri għandhom iduru s-sit u jiċċekkjaw il-kontenut sew. It-traduzzjoni qeda għaddejja. Christianne Mifsud għandha tkellem lill-Kunsill tal-Imtarfa biex jibgħatu d-dettalji neqsin.

Saret ukoll diskussjoni jekk hux possibli li jsiru online payments mill-app. Fil -każ tal-Lesa is-SE ser jiċċekkja fuq din. Fejn jidħlu permessi, ser ikun qed isir studju mis-Sur D'Anastasi ta kif dawn jistgħu isiru.

Is-SE spjega li l-BOV kien sar jagħti l-faċilita' lir-Reġjun u lill-Kunsilli ta' EPOS machines, allura pagamenti issa jistgħu jibdew isiru bil-cards.

Ser ukoll tiġi studjata l-possibilita' ta' back end ticketing system.

Minħabba qtugħ ta' dawl, Daryl Connor waqaf mil-laqgħa fis-19.10 hrs.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

### Mgħatab korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat korrispondenza lill-Ministri Herrera u Farrugia u lil-Prim Ministru. Il-Ministri Herrera u Farrugia ser jiltaqgħu mar-Reġjun.
Il-President Anton Mifsud tkellem fuq il-kwistjoni tal-Magħtab. Qal li hemm bżonn issir SEA u EIA u tkellem li l-piż tal-infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart għandha tinqasam ma' diversi lokalitajiet u mhux tintefa kollha fuq post wieħed. Il-Membri kollha qablu ma' dan. John Buttigieg saqsa x'jaħsbu fuq din Kunsilli bħal San Pawl il-Baħar. Minħabba li Daryl Connor ma kienx preżenti, il-President għamel kuntatt telefoniku mas-Sur Alfred Grima, Sindku ta' San Pawl il-Baħar fejn dan stqarr li hu kkoncernat ħafna mil-proġett tal-magħtab u qabel mal-proposta tal-President illi għandu jintalab li jsiru l-istudji kollha rekwiżiti mil-Liġi u dawn ikunu ppublikati. Għandhom jintarfu siti alternativi u jkunu evalwati wkoll. L-għażla tal-Magħtab m' għandhiex tkun awtomatika għax hemm il-miżbla hemm.

## 124.6 – Rapporti

## 124.7 – Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### Post Covid

Il-Membri qablu li wara li jitneħħew ir-restrizjonijiet tal-Covid 19, għandu jibda x-xogħol biex isir il-festival tal-Baned u Nar.

Bzonn ta' VAT
Is-SE spjega li kienet waslitlu korrispondenza mid-Dipartiment tal-VAT fejn dawn infurmawna li jekk ir-Reġjun mhux ser ikun qed jagħmel attivitajiet bi qliegħ, anke jekk isir bejgħ, m'hemmx għalfejn nirreġistraw għall-VAT. Din il-korrispondenza ser tintbagħat lill-Kunsilli kollha

Integration Initiaves,
Romilda B Zarb qalet li kellha laqgħa ma' UNHCR u l-Unit tal-Integrazzjoni u dawn issuġġerew li ssir laqgħa għar-Reġjun kollu fejn jinġiebu l-mexxeja tal-komunitajiet barranin inqabel li 15 ta' Ġunju 2020, fis-18.30 hrs, issir laqgħa bejn il-membri tar-Reġjun, il-Kunsilliera responsabbli, fejn ikun mitkellem proposti u programmi ta' ntegrazjoni. Hemm ukoll il-ħsieb li ssir konferenza Reġjonali għal dan il-għan.

Servizz ta' manutenzjoni ta' IT.
Is-SE spjega li kien kważi ġew fit-tmiemhom il-200 siegħa ta' servizz ta' manutenzjoni ta' IT offrut minn Arkafort, u għalhekk talab li jixtri 200 siegħa oħra. (dawn servew kwazi 3 snin). Hemm diversi Kunsilli li qed jużaw minn dan is-servizz offrut lilhom mir-Reġjun. Il-membri qablu unanimament ma' dan is-servizz. Is-SE ser jibgħat mil-ġdid id-dettalji tal-Arkafort.

Manutenzjoni tal-uffiċċju.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm bżonn isir xi manutenzjoni fl-uffiċċju u ser ikun qed jagħmel xi xogħolijiet fix-xhur li ġejjin.  John Buttigieg fakkar li fil-bidu ta’ din il-leġislatura kien talab li jsir sotto kumitat li jfittex sit alternattiv.  Dan għandu jsir u tibda tfittxija għal sit alternattiv.

## 123.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 124. Abraham Aquilina ppropona li jitħallsu l-pagamenti. Christianne Mifsud  issekondat l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa u nofs ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 8 ta’ Ġunju 2020 fit 18.30 hrs.

| | |
|---|---|
| __________________________ | ______________________________ |
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 8 ta’ Ġunju 2020 | |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt